MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 778/2006

**Talba Nru: 778/06PBC**

**Mark Bajada I.D. 188571 (M) u**
**Caroline Bajada I.D. 281072 (M)**

**Vs**

**Fantasy Tours Limited (C-22249) u Golden Travel Club Limited (C-33107) u b'ordni tat-Tribunal tat-23 ta' Novembru,**
**2006 giet kjamata fil-kawza s-socjeta' Arrigo Group Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenuti u l-imsejjah fil-kawza jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf mitejn u hamsin lira Maltin (Lm1,250) u dan billi matul is-sena 2004 Mark u Caroline Bajada xtraw gita organizzata mill-konvenuti Fantasy Tours Limited billi hallsu lill-konvenuti Golden Travel Club Limited is-somma ta' elf mija u tnejn u hamsin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm1,152.80c) f'liema gita l-konjugi Bajada u ohrajn kellhom jitilghu Miami sabiex jiehdu *cruise* fil-Lvant tal-Karibew fuq il-vapur Carnival Glory.

Illi l-atturi gew imqarrqa ghaliex huma qatt ma gew infurmati li l-*cruise* bbukjat seta' jinbidel u gew imqarrqa wkoll ghaliex il-*cruise* li kellhom jiehdu kien diga' thassar qabel ma l-atturi kienu ghadhom jivvjaggaw lejn l-Istati Uniti u ma gewx infurmati, gew imqarrqa ghax gew infurmati li minkejja l-urugani li kienu qed jahkmu lill-Amerka, l-*cruise* kien ser isir xorta u gew imqarrqa ghaliex meta waslu fl-Istati Uniti huma gew imgieghla jaqbdu *cruise* iehor minghajr ma tawhom l-ghazla li jhassru l-*cruise* u jiehdu l-flus lura.  Per konsegwenza l-konjugi Bajada ma hadux il-vaganza li bbukjaw, anzi hadu kedda, sofrew danni, u s-Sinjura Bajada hadet mard min-nies li spiccaw joqghodu maghhom gox-*shelters*.  Qed jintalbu wkoll l-ispejjez, l-imghaxijiet u li l-konvenuti jkunu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta ta' Fantasy Tours u Golden Travel Club Limited li biha wiegbu preliminarjament in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn l-atturi u s-socjeta' Fantasy Tours Limited.

Illi preliminarjament ukoll in-nuqqas ta' gurisdizzjoni *rationae materiae* ta' dan it-Tribunal stante li l-kawza hija wahda li tirrikjedi dikjarazzjoni li l-konvenuti gharrqu bl-atturi u dan imur oltre l-kompetenza ta' dan it-Tribunal.  Fil-fatt ghat-talba ta' l-atturi hemm it-Tribunal tal-Konsumatur.

Preliminarjament ukoll il-fatt illi kif intavolata t-talba m'hijiex applikabbli l-ligi Maltija.  Fil-mertu t-talba attrici

hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha element ta' danni morali li ma jezistux taht il-ligi taghna, almenu f'dan il-kaz.

Preliminarjament ukoll, il-fatt illi l-*cruise* in kwistjoni ma kienetx responsabbli ghalih is-socjeta' konvenuta Golden Travel Club Limited, izda s-socjeta' estera Carnival Cruises, rapprezentata hawn Malta minn Arrigo Limited. Fil-fatt din is-socjeta' estera gja' tat kumpens ta' USD150 u riduzzjoni ta' 50% fuq booking gdid.

Illi fil-fatt is-socjetajiet intimati ma jistghux jinzammu responsabbli ghall-fatti msemmija fit-talba stante li dawn il-fatti huma konsegwenza diretta ta' urugan, li allura jikkostitwixxi forza magguri.

Illi s-socjeta' Golden Travel Club Limited ghamlet l-almu taghha sabiex tissalvagwardja l-pozizzjoni tar-rikorrenti u fil-fatt ipprovdiet *alternative accommodation*, f'cirkostanzi difficilissimi. Illi r-rikorrenti ma thallewx jivjaggaw stante li kien ikun perikolu ghal hajjithom li jivjaggaw f'nofs urugan.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-fatt li t-talba tar-rikorrenti hija astronomikament assurda. In sussidju u minghajr pregudizzju ghas-suespost trid tingieb ukoll prova tal-*quantum* tad-danni mitluba. Illi fic-cirkostanzi qed tintalab il-kjamata fil-kawza ta' Arrigo Limited. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qed jigu ngunti in subizzjoni.

Ra d-digriet tat-23 ta' Novembru, 2006 li biha giet imsejha fil-kawza l-kumpanija Arrigo Group Limited.

Ra r-Risposta ta' Arrigo Group Limited li biha wiegbet li t-talba ta' l-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tas-socjeta' eccipjenti Arrigo Group Limited u ghaldaqstant qed tigi kkontestata stante illi preliminarjament hemm karenza ta' relazzjoni guridika bejn l-atturi u l-istess socjeta' eccipjenti; b) Illi fil-mertu inoltre u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit is-socjeta' eccipjenti dejjem uzat il-prudenza u d-diligenza kollha rikjesta mil-ligi fir-rwol li zvolgiet in konnessjoni mal-*cruise* imsemmi fid-dettalji dwar it-talba ta' l-atturi. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra minn min fost l-

atturi u l-konvenuti ghandu jhallas skond kif jiddeciedi t-Tribunal, tenut kont tal-fatt ukoll illi a) ma gietx segwita l-procedura provduta mil-ligi ghas-sejha ta’ terza persuna fil-kawza u b) isem is-socjeta’ esponenti ghandu proprjament jinqara Arrigo Group Limited u mhux Arrigo Limited.

Illi ghar-rigward ta’ l-ahhar eccezzjoni, din giet solvuta meta saret il-korrezzjoni bid-digriet tal-5 ta’ Frar, 2007.

Sema’ x-xhieda ta’ Mark Bajada, Kurt Cachia, Emma Azzopardi u ta’ Roderick Grech.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Leslie Cuschieri ghall-atturi, Dr Kris Borg ghall-konvenuti u ta’ Dr Luigi Sansone ghall-imsejjhin fil-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi l-atturi kienu pprenotaw u hallsu ghall-*cruise* imsejjah Eastern Caribbean Cruise on the Carnival Glory u dan skond offerta kontenuta fi *brochure* mahrug mill-Fantasy Tours liema *cruise* kien jikkomprendi:

i. “flights Malta-Frankfurt-Miami-Frankfurt-Malta,
ii. one night hotel accommodation in an airport hotel in Frankfurt on bed only basis,
iii. transfers Frankfurt airport-hotel-airport,
iv. transfers Miami airport-hotel-pier-airport,
v. one night hotel accommodation in Miami on bed only basis,
vi. eight days Eastern Caribbean Cruise on board of the Carnival Glory,
vii. all means and entertainment included on board the cruise.”

Din il-gita kienet intiza li tibda mit-2 ta’ Settembru, 2004 billi jitilqu minn Malta u jaslu Frankfurt fl-4.00p.m fejn jaghmlu lejl go lukanda u mbaghad ‘l ghada filghodu jaqbdu ajruplan minn Frankfurt airport li kien intiz li jitlaq 0950hrs fejn jasal Miami 1330hrs.

Dakinhar kien intiz li jqattghu lejl go lukanda u mbaghad ‘l ghada filghodu jibda l-*cruise* minn Miami-Port Canaveral liema *cruise* kien intiz li jispicca fil-11 ta’ Settembru, 2004 u dakinhar stess imorru dritt l-airport f’Miami u jtiru lejn Frankfurt biex eventwalment minn Frankfurt jaslu Malta ‘l gurnata ta’ wara, cjoe’ fit-12 ta’ Settembru, 2004.

*<u>Eccezzjonijiet preliminari</u>*

Illi f’din il-kawza l-atturi qed jitolbu kumpens ghad-danni sofferti rizultanti mill-imsemmi vjagg stante li allegaw li s-socjetajiiet ma qdewx l-obbligi taghhom kuntrattwali. It-talba hija wahda ghall-hlas ta’ kumpens fi flus u konsegwentment it-talba tirrientra fil-kompetenza ta’ dan it-Tribunal. Il-fatt li l-atturi setghu agixxew quddiem it-Tribunal tal-Konsumaturi ma jnaqqas xejn billi dak it-Tribunal ghandu kompetenza konkorrenti u mhux esklussiv.

Il-hlas sar lil Fantasy Tours Limited izda l-ircevuta harget minn Golden Travel Club Limited. Skond il-*booking conditions* (page 54 tal-*brochure*) jirrizulta li dawn iz-zewg socjetajiet huma strutturalment u finanzjarjament interkonnessi u vis-à-vis il-klijenti (l-atturi) dawn il-kumpaniji jqisu lilhom infushom bhala l-istess u konsegwentment it-Tribunal jidhirlu li z-zewg socjetajiet, solidarjament bejniethom, ghandhom iwiegbu ghat-talba attrici.

Il-ftehim *de quo* sar Malta bejn l-atturi Fantasy Tours Limited/Golden Travel Club Limited li hadd m’allega li m’humiex registrati Malta. Dawn il-kumpaniji ghandhom *seat of business* u joperaw Malta. Il-hlas lilhom sar Malta.

Illi ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha ta’ natura preliminari qed jigu michuda.

*<u>Il-mertu</u>*

Dak iz-zmien tal-*cruise* li pprenotaw l-atturi huwa maghruf li huwa *common knowledge* li huwa zmien ta' l-urugani f'dak l-inhawi ta' l-Atlantiku u l-Karibew u fil-fatt xi gimgha jew gimghatejn qabel kien hemm l-urugan notorju maghruf bhala 'Hurricane Charlie' li halla dizastru shih warajh.

Qabel ma sar il-*cruise* in kwistjoni kien hemm gja' *hurricane warnings* ghall-urugan li ta lok ghall-kaz odjern izda sakemm il-konjugi Bajada telqu minn Malta il-*cruise* kien ghadu ma thassarx. Fil-fatt il-konjugi Bajada kienu espressament staqsew lir-rapprezentanti tal-Fantasy Tours u dawn infurmawhom illi jekk ihassru, ossija jikkancellaw it-trip, huma jitilfu kollox – 100% *forfeiture.* It-Tribunal jaccetta li l-verzjoni li taw il-konjugi Bajada hija aktar versosimili minn dik li ta' Roderick Grech meta dan ta' l-ahhar xehed li kieku huma hassru kienu jinghataw *full refund*. It-Tribunal jaccetta li l-atturi verament gew indotti jahsbu li jekk jikkancellaw il-gita lejliet il-vjagg kienu jitilfu l-flus minnhom imhallsa.

Il-konjugi Bajada waslu Frankfurt kif previst u 'l ghada filghodu telqu minn Frankfurt ghal Miami.

Skond il-***brochure*** il-flight minn Frankfurt kellu jitlaq fil-**09.50hrs** u dan il-hin huwa materjali ghaliex effettivament jirrizulta illi fit-3 ta' Settembru, 2004 **9.53am** Arrigo Group Limited baghtet e-mail lil Emma Azzopardi tal-Fantasy Tours/Golden Travel Club Limited fejn infurmathom illi l-itinerarju tal-*cruise* mertu tal-kawza odjerna kien inbidel.

Dan l-e-mail intbaghat tlett minuti wara li l-ajruplan kien intiz li jitlaq minn Frankfurt u ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi fil-mument li ntbaghat dan l-e-mail kien impossibbli ghas-socjetajiet konvenuti, Fantasy Tours Limited u Golden Travel Club Limited, li jinfurmaw lill-atturi u jzommuhom milli jkomplu bit-titjira lejn Miami.

Fis-seduta tal-11 ta' Gunju, 2007 dawn il-kumpaniji esebew e-mail li allegatament juri illi effettivament il-fax mibghut minn Christine Bugeja ntbaghat **10.53a.m** izda f'dan ir-rigward it-Tribunal huwa sodisfatt illi effettivament il-provi juru illi l-e-mail intbaghat 9.53a.m. Dan ma jbiddel

xejn ghaliex xorta jibqa' l-fatt illi anki jekk wiehed kellu jaccetta li ntbaghat 9.53a.m u mhux 10.53a.m, fiz-zewg kazijiet, dan l-e-mail intbaghat wara li l-ajruplan kien lahaq telaq minn Frankfurt airport u zgur wara li l-pasiggieri kienu ghamlu c-*checking in*.

Fl-affidavit tieghu l-attur jghid li meta wasal Miami, l-istewardess tal-vapur infurmatu li l-*cruise* kien thassar fit-2 ta' Settembru u cjoe' meta kienu ghadhom Malta. It-Tribunal jemmen li verament kien hekk tant li fid-Dokument MB2 tas-7 ta' Settembru, 2004 il-Carnival iddikjarat x'kumpens kien bihsiebha toffri u ghamlet distinzjoni bejn *cruise booking* li sehhew qabel jew wara t-2 ta' Settembru, 2004.

Ma giex sodisfacentement provat li din l-informazzjoni pero' giet debitament imwassla lis-socjetajiet konvenuti.

Illi ghalhekk it-Tribunal ma jistax jghid illi min-naha tal-Fantasy Tours Limited u Golden Travel Club Limited kien hemm xi malafede jew ingann.

Jibqa' pero' sabiex jigi kkonsiderat jekk kienx hemm xi responsabbilta' tal-konvenuti u l-imsejjhin fil-kawza a tenur tal-Package Tours Directive kif implimentat hawn Malta bir-Regolamenti dwar Pakkett ta' l-Ivjaggar, Pakkett Vaganzi u Pakkett ta' *tours* - Legal Notice 157 tas-sena 2000 kif emendat fl-Avviz Legali 258 tal-2001.

Skond dawn ir-regolamenti jekk *tour* jinkludi fih vjagg li in parti jkun isir b'certu mod ta' trasport u in parti jkun fih element ta' akkomodazzjoni u/jew trasport differenti, dan jikkwalifika bhala *package tour*. Fil-kaz odjern, it-*tour* in kwistjoni kien jinkludi fih titjiriet bl-ajru, akkomodazzjoni f'lukandi, transport mil/ghal-lukandi u l-port u ghalhekk jaqa' ampjament fid-definizzjoni ta' *package tour*.

Fil-kaz odjern, meta l-atturi waslu Miami dan il-*flight* kien l-ahhar wiehed li wasal hemmhekk ghaliex imbaghad minhabba fl-urugan, l-ajruport inghalaq. Mill-ajruport l-atturi ttiehdu dritt gewwa shelter u dan billi l-lukandi kienu gew evakwati u damu fix-shelter ghal zewgt iljieli biex

imbaghad fil-5 ta' Settembru, 2004 fl-10.00a.m telqu mix-shelter u ttiehdu f'lukanda.

Effettivament huma mbaghad marru *on a reduced cruise* ta' erbat ijiem biss. L-atturi ma kienux sodisfatti b'dan ir-*reduced cruise* billi huma kien ga' marru f'dik id-destinazzjoni partikolari u kienu disappuntati hafna. Huma jsostnu illi kieku kienu jafu li kienu ser isehhu tali affarijiet, certament ma kienux jitilqu minn Frankfurt u kienu jippreferu kieku jigu lura Malta u jiehdu *refund* izda m'ghamlux hekk ghaliex huma gew avzati mis-socjetajiet konvenuti illi jekk huma jikkancellaw kienu jitilfu kollox.

It-Tribunal m'ghandux dubju illi l-fatt li l-*cruise* gie *curtailed* u *rerouted* kien dovut ghall-forza magguri u konsegwentement ghal ragunijiet li hadd mill-konvenuti u l-imsejjhin fil-kawza ma kellhom kontroll fuqhom.

B'danakollu, ma jfissirx li huma mehlusin mir-responsabbilta' jew li m'ghandhomx jikkompensaw xejn lill-atturi. Skond il-Package Tours Directive, l-organizzatur huwa obbligat li jissuplixxi l-pakkett offrut izda taht l-**Artikolu 13.3.2** huwa m'huwiex obbligat jikkompensa ghal *non- performance* jekk:

"The packet is cancelled by reason of unusual and unforeseeable circumstances beyond the control of the organizer, the retainer or other supply of services, the consequences of which could not have been avoided if all due care had been exercised."

Nonostante l-premess, skond l-**Artikolu 14 (2)**:

"The organizer shall make suitable alternative arrangements, at no extra cost to the consumer, for the continuation of the package and will, where appropriate, compensate the consumer for the difference between the services to be supplied under the contract and non – supplied."

Illi huwa proprju taht dan is-sub-artikolu li dan it-Tribunal jidhirlu li javallaw lill-atturi fil-pretenzjonijiet taghhom odjerni.

Effettivament, il-Carnival Tours, probabbilment konxji b'dawn ir-responsabbiltajiet taghhom baghtu jinfurmaw lil Fantasy Tours illi huma kienu disposti illi joffru lil dawk il-klijenti bhalma kienu l-atturi, li kienu bbukjaw qabel it-3 ta' Settembru, 2004 li jinghataw:

- 50% discount fuq dak il-*cruise* partikolari,
- USD100 *per person on board credit* u inoltre,
- 50% discount fuq *cruise* iehor futur ta' bejn tlieta u sebat ijiem li jitlaq qabel il-15 ta' Dicembru, 2005.

Illi inoltre, skond e-mail tat-18 ta' Novembru, 2004 bejn Kurt Cachia u Emma Azzopardi, jidher car illi l-Carnival Cruises offrew u attwalment hallsu lil-kumpaniji konvenuti:

- 50% *refund* tal-*cruise fare*,
- 33% *refund on port charges* u
- 29% *on gratuities*

u hallsuhom lump sum ta' USD6,188 relattiv ghall-klijenti kollha tas-socjetajiet konvenuti fuq dak il-*cruise*.

Inoltre avzaw illi dawk il-klijenti kienu ntitolati ghal *on board credit* ta' USD100 u 50% discount on *future seven sailing until December 2004* izda jidher li din giet estiza sa Dicembru 2005.

Effettivament mill-atti jidher illi din l-offerta ma gietx korrettament trasmessa lill-konjugi Bajada u fil-fatt gew offruti biss USD150pp u d-*discount* ghall-*cruise* partikolari (*sailing* 06/09/2005) basta jkun hemm konferma qabel l-1 ta' Novembru, 2004.

L-atturi m'accettawx din l-offerta pero' avallaw ruhhom mid-*discount on future cruise* offert mill-Carnival u f'Marzu 2005 ibbukjaw *cruise* iehor tramite l-Hamilton Travel bejn it-2 u s-16 ta' Settembru, 2005. (MB4 fol 30)

Skond ir-regolamenti fuq imsemmija l-atturi ghandhom dritt ta' azzjoni diretta kontra l-imsejjhin fil-kawza u ghalhekk l-eccezzjoni preliminari qed tigi michuda.

It-Tribunal huwa pero' sodisfatt illi fil-kaz odjern ghalkemm jidher car illi Arrigo Group Limited ghan-nom tal-principali taghhom il-Carnival, ghamlu dak li kien ragunevolment mistenni sabiex il-klijenti li kienu soffrew minhabba fil-bdil ta' l-itinerarju fuq imsemmi jigu debitament kompensati. Huma baghtu l-kumpens sostanzjali lis-socjetajiet konvenuti u ghamlu offerti alternattivi.

Jidher daqstant iehor evidenti li l-Fantasy Tours Limited u l-Golden Travel Club Limited ma kienux daqstant *consumer friendly* ma' l-atturi u m'ghaddewx informazzjoni lill-atturi u konsegwentement huma biss il-Fantasy Tours Limited u l-Golden Travel Club Limited li ghandhom jaghmlu tajjeb ghan-nuqqas taghhom sabiex jaghtu lill-atturi dak il-kumpens kif stabbilit fil-Package Tours Directive fuq imsemmi.

Fl-affidavit tieghu Mark Bajada jaghti dettalji precizi ta' kemm qed jippretendi u dan billi jghid li l-*cruise* in kwistjoni swielhom elf u tmenin lira Maltin (Lm1,080) izda minn dan hadu beneficcju ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u tletin lira Maltin (Lm339) (vide fol 25) u ghalhekk qed jesigi illi huma ghad baqalhom jiehdu seba' mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm741).

It-Tribunal qies dan kollu u qies ukoll il-kumpens ta' USD6,188 li rcevew is-socjetajiet konvenuti minghand il-Carnival u jhoss illi kollox ma' kollox, kumpens ulterjuri ekwivalenti ghal tlett mitt lira Maltin (Lm300) ghandu jitqies bhala gustifikat u ragunevoli u dan mhux biex jaghmel tajjeb ghal-*loss of holiday* jew *loss of consortium* jew ghal xi danni morali izda semplicement ghall-fatt illi dawn is-socjetajiet konvenuti naqsu milli jadempixxu l-obbligu taghhom kif stipulat fl-Artikolu 14 tal-Package Travel, Package Holidays and Package Tours Regulations fuq imsemmija u li fil-fatt ghalihom huma rcevew il-flus minghand il-Carnival u ma vversawx l-istess ammonti lill-atturi. Tajjeb li jigi rilevat illi f'kazijiet simili,

f'pajjizi ohrajn il-penalitajiet li jigu mposti jkunu ferm u ferm aktar u hekk per ezempju fil-Portugal il-limitu huwa sa hames darbiet aktar il-valur tal-pakkett u l-Germanja sa tlett darbiet il-valur tal-pakkett.

Ma' dan it-Tribunal izid illi l-kumpaniji konvenuti kellhom obbligu illi jaccertaw li l-klijenti taghhom, rinfaccjati b'sitwazzjoni allarmanti bhalma sabu ruhhom fil-kaz odjern u ben konxji tal-fatt illi huma kienu ferm u ferm dizappuntati stante illi minflok *cruise* lussuz fil-Karibew spiccaw qattghu nofs iz-zmien gewwa shelter u meta hadu bicca *cruise* dan kien f'destinazzjoni li huma kienu diga' marru s-sena ta' qabel. Meta huma rcevew il-kumpens minghand il-Carnival messhom ghamlu l-almu taghhom biex izommu l-klijenti taghhom sodisfatti u t-Tribunal m'huwiex konvint illi f'dan il-kaz attwalment sar hekk u dan qieghed jinghad in vista tal-fatt illi fl-ittra Dok. MB3 tal-20 t'Ottubru, 2004 l-offerta hija anqas minn dak li rcevew minghand il-Carnival u inoltre, jekk wiehed iqabbel il-*breakdown* tal-*cruise* minnhom offert tas-6 ta' Settembru, 2005, il-*costings* taghhom jidhru naqra *inflated* minn dak attwalment offruti minn Hamilton Travel kif jidher mid-dokument a fol 15 tal-process.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici in parte u jikkundanna lill-kumpaniji konvenuti solidarjament bejniethom biex ihallsu lill-atturi s-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300). L-interessi jiddekorru mil-lum. Jichad it-talba attrici fil-konfront tas-socjeta' msejha fil-kawza u dan a spejjez tas-socjetajiet konvenuti. L-ispejjez l-ohra tal-kawza huma bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------